# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur Dr. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, il-22 ta' Novembru, 2023

Avviz tat-Talba numru:: 209//2021 CL

**Citadel Insurance p.l.c (C21550)kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Paul Galea u Paul Galea (Ki nru 448251M)**

**VERSUS**

**Helen Borg (KI 58560M)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fl-20 ta' Lulju 2021 fejn is-socjeta attrici fethet proceduri fil-konfront tal-konvenuta, fejn talbet li tigi ddikjarata responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi in segwitu ta' incident li sehh unikament tort tal-konvenuta. Liema incident sehh fit-3 ta' Mejju 2019 fit-Triq Dun Karm gewwa l-Iklin minhabba, inter alia, traskuragni, negligenza, imperizja u/jew non osservanza ta' regolamenti u /jew nuqqas ta' hila fis-sengha u l-arti da parti taghha stess, meta umbrella tax-xemx, propjeta' tal-konvenuta taret u waqghet ghal fuq il-vettura bin-numru CCG826 propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici, Paul Galea. Konsegwentament, talbet sabiex l-istess konvenuta tigi ikkundanata thallas id-danni sofferti mill-atturi, li jammonta ghall-sebgha mija u disgha u tmenin euro u centezmu (€789.01) mhalsa misd-socjeta attrici, flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficjali nru 2201/19 u mghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta li giet pprezentata mil-konvenuta fl-20 ta' Ottubru 2021, fejn preliminarjament l-incident imsemmi sehh mill-atrtrici rizultat ta' accident jew forza maggura u ghalhekk kwalunkwe hsara konsegwenzjali ghandu jbatiha sid il-karozza li allegatament garbet il-hsara. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccepjenti ma tahti bl-ebda mod ghall-incidnet allegat. F'kull kaz, l-ammont reklamat huwa ezagerat meta tqis li t-talba originali mressqa min sid il-karozza biex jaghmel tajjeb ghall-hsarat kienet biss ta' mitt euro (€100) u l-kwistjoni nqalghet ghaliex lanqas dan l-ammont ma kien gustifikat jew dovut.

Fit-2 ta' Frar 2022 xehed PS1526 Charlon Borg li kien is-surgent fl-ghassa ta' Birkirkara li kien gie infurmat mill-ghassa tal-Qawra li kien sarilhom rapport minn Rayleen dwar incident li sehh Birkirkara.Ipprezenta rapport mmarkat CB. PS421 Thomas Philip Debono xehed illi waqt illi kien stazzjonat l-ghassa ta' Balzan, kienu cemplulu mill-ghassa tal-Qawra, li Galea kienet ghamlet rapport

li umbrella ta' Helen Borg kienet waqghet fuq il-karozza taghha. Hu kien cempel lil Galea u kienet marret fis-*shift* ta' wara u kien ra li l-vettura kellha daqqa fuq is-saqaf.Hu kien bghat ghal Helen Borg li wara li kkonsultat mal-avukat qalet li mhux ser thallas ghax skond hi kien *act of god*. Hu ikkonferma r-rapport li kien mmarkat CB u li ma kienx xehed f'xi kawza ohra tal-kriminal. Philip Attard xehed illi hu impjegat bhala *assessor surveyor* ma' Citadel Insurance u kien ilu f'din il-professjoni ghal 35 sena, ipprezenta rapport li kien ghamel fuq il-vettura CCG826, Kia Piccanto mmarkat Dok PA1 u sett ritratti mmarkati PA2. Il-vettura kellha hsara fis-saqaf u fuq il-*quarter panel* ghal mal-bieba, kollox seta' jissewwa izda kien hemm bzonn xi *spare parts*. Fl-14 ta' Marzu 2022 xehed Jonathan Gatt li huwa legal officer mac-Citadel Insurance plc, illi l-assikurat Paul Galea kellu vettura bin-numru CCG826 li kien assikurat fuq bazi comprehensive. L-assikurat kien hallas 55 euro biex fetah il-claim u Citadel hallas 789 euro. Ipprezenta dokumenti mmarkati Dok JG1 sa JG5. Hu kien involut f'dal-kaz mill-bidu ghax kien hu li fil-fatt bghat l-ittri legali. Huma kienu halsu lil assikurat taghhom u kienu qeghdin jippretendu l-hlas mill-konvenuta ghax l-umbrella li taret ghal fuq il-vettura tal-assikurat kienet taghha. Hi bdiet tghid li dak in-nhar kienet hafna rih u hu kie gab ukoll r-rapport tat-temp ta' dakinhar, li juri li r-rih kien *moderate breeze*. Apparti hekk il-konvnuta kienet bidlet il-verzjoni taghha, fejn l-ewwel qalet li l-umbrella kienet ilha hemm snin u wara qalet li kienet ghada kemm hargitha.

Ra l-affivavit ta' Raelene Galea li spjegat illi fit-3 ta' Mejju 2019 kienet qieghda ssuq il-vettura Piccanto bin-numru CCG826 u kif kienet tiela' fit-Triq Erin Serrachino Inglott, Iklin ghal 12.30pm u waslet hdejn ir-roundabout, semghet hoss kbir fuq il-karozza u tefghet mal-genb biex tara x'gara. Kif harget mill-karozza rat umbrella kbira mal-art miftuhha b'lasta tal-injam ftit il-boghod minn fejn waqfet u rat illi kellha l-hsarat ta' grief fis-saqaf tal-karozza u n-naha tal-passigier fuq wara u ghafsa fuq il-bieba. Ipprezentat ritratti tal-hsarat Dok A. Hi cemplet lil missierha peress illi l-karozza kienet tieghu u waqt illi kienet qieghda tkelmu rat zewg nisa jigbru l-umbrella Dok B u staqsithom jekk l-umbrella kinitx taghhom u qaltilhom li kienet waqat fuq il-karozza taghha. Helen offritilha kafe ghax kellha qatgha fuqha. Huma qalulah li jiddispjacihom u biex tara x'kienu l-hsarat u li kienu ser jirrangaw kollox, izda peress lili l-ewwel riedet tiehu stima kienet talbet kopja tal-karta tal-identita ta' Helen Borg u tatha ukoll in-numru tal-mowbajl u kellha tghidilha bl-istima. Wara jumejn kif qaltilha x'kienu l-ispejjes Helen qaltilha li ma kinitx ser taghmel tajjeb ghal hsarat. Fil- 5 ta' Mejju 2019 kienet marret taghmel rapport fl-ghassa tal-pulizija tal-Qawra, peress illi tghix hemm, sabiex tkun tista' taghmel *claim*. Wara fethet *claim* mal-insurance fejn kellha thallas 55 euro. Fil-kontro ezami tghid illi kienet sewwiet il-karozza u kien hallas il-kont Citadel. Hi kienet hadet stima minn xi hadd Hal-Qormi li kienet giet 400 euro u kien ser jtella' l-hofra tal-bieba u jaghmel buffer tal-grief ta' fuq is-saqaf u jispreja z-zewg bibien. Fil-fatt kienet talbet lil Helen Borg 400 euro u ricentament saret taf kemm halsu Citadel ghax kienet halliet f'idejhom. L-umbrella waqghet fuq in-naha tax-xellug li tigi n-naha tad-dar. Ma kienx rih dakinhar kif jidher ukoll ix-xahar tan-nisa fir-ritratt. L-umbrella wara l-impatt waqghet miftuha nofsha fuq il-bankina u nofsha mat-triq. Ra ukoll l- email li Helen Borg[1] kienet bghatet lis-socjeta attrici fejn spjegat illi kienet harget l-

[1] Dok B foll 52

umbrella fil-gnien wara xitwa maghluqa u li kien hemm buffura qawwija tar-rih tant li kissrilha l-pjanti kollha.

Fis-27 ta' April 2022 xehdet PS2377 Lorna Spiteri, li fil-5 ta' Mejju 2019 kienet marret l-ghassa tal-Qawra s-sinjura Galea taghmel rapport li fit-3 ta Mejju 2019 waqt illi waqt illi kienet ghaddejja fil-karozza taghha CCJ829, fit-Triq Dun Karm, B'Kara kienet taret umbrella ghal fuq il-karozza li ikkawzat xi hsara. Hi waqfet mal-genb tat-triq u hargu zewg persuni biex jigbru l-umbrella. Hi kienet kelmet lil Helen Borg li kienet qaltilha biex taghtiha stima tal-hsarat biex thallasha u meta marret bl-istima qaltilha li ma kinitx ser thallasha ghax kienet *act of god*.Hi infurmat lil PS1526 tad-distrett u kompla bir-rapport hu. Hi ma tiftakarx xi hsarat kellha il-karozza, izda taf li b'xi mod kienet ratha jew fuq il-post jew mir-ritratt. Rat l-affidavit tal-konvenuta Helen Borg li toqghod fi Triq Dun Karm , B'kara. Fit- 3 ta' Mejju 2019, kienet qieghda tirranga l-gnien ghax kienet xtrat hafna pjanti biex izzejjen bihom ghax kienu ser jigu xi mistidnin minhabb fit-tieg tat-tifla. Harget xi affarijiet mill-garaxx fid-*drive*, fosthom umbrella li kienet maghluqa biex tnaddaf. Dakinhar kien rih qawwi b'buffura qawwija u bir-rih dahlilha xi haga f'ghajnejha u cemplet lit-tifla li kienet n-Naxxar biex tehodha l-clinic tal-ghajnejn fl-isptar Mater Dei. Rikbet fil-karozza u fid-dawra tal-bypass lehmet l-umbrella miftuha f'nofs it-triq u qalet lit-tifla biex iddawwar biex tigbor l-umbrella mit-triq. Kif poggewha minduda fil-gnien, waqfitha tfajla u qaltilha li l-umbrella kienet barxitilha l-karozza. Offritilha kafe ghax qaltilha li kiener inhasdet, izda fl-ebda hin m'accettat r-responsabilita' jew li kienet ser taghmel tajjeb ghal xi hsarat ghax l-umbrella kienet maghluqa u jekk taret kien minhabba l-buffura tar-rih. Galea ma tatha ebda tort u qalet li kienet *fully insured* ghalkemm tatha n-numru tal-mobajl. Ma rat ebda barxa bejn bl-ugigh li kellha f'ghajnejha u l-ecitamenti li kellha. L-ghada bghatitilha messagg li kienet hadet stima ta' 400 euro u regghet bghatet messagg aktar tard li riedet risposta ghax f'kaz li m'acettatx kienet tmur taghmel rapport lill-pulizija. L-ghada wegbitha li ma kellha ebda tort ghax l-umbrella kienet marbuta fil-base taghha li hu tqil u r-rih kien baramha u tajjarha. Hemmhekk talbitha mitt euro u qaltilha li jekk ma taghtihomlhiex kienet ser tmur taghmel rapport u hedditha li kienet taf in-numru tal-karozza tat-tifla ghalkemm skuzat ruhha wara li kienet ghamlitilha rapport. Fil-kontro ezami tghid illi d-dar taghha hija kantuniera ma' Triq Dun Karm u Triq Erin Serrachino Inglott u kienet harget l-umbrella fid-drive ghax fix-xitwa tkun merfuhha fil-garaxx. Cahdet li hargitha ghal *party* ghax il-*party* kien ser jkun gewwa, imma ghax kienet qieghda tizbarrazza u tnaddaf il-garaxx. Hargitha barra l-bieb tal-garaxx ghax s-soltu meta tuzha biex tatti x-xemx idendilha maz-zewg grampuni imma ma lehqitx taghmel hekk dakinhar. Kif hargitha ghamlitha maghluqa gol-base fil-parapett taghha u dahlet gewwa ghax dahal xi haga f'ghajnejha. Poggitha wieqfa fil-base li thalliha hemm s-sena kollka ghax tqila u ma fethitiex ghax kien ir-rih, izda ma kinitx iccekjat iir-rih dakinhar. Hi ma tiftakarx il-kulur jew numru tal-karozza u b'referenza ghar-ritratt a foll. 35 rat linja imma mhux car ghax dakinhar ma rat xejn ghax kellha xi haga f'ghajnejha.Hi cahdet li f'xi hin qaltilha biex iggib stima u wara thallasha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat**

Illi it-talba tas-socjeta attrici hija sabiex tithallas l-ispejjez li hija halset lil-assikurat taghha ghal-hsarat li kien garrab fil-vettura wara li kien hemm incident fejn l-umbrella tal-konvenuta b'xi mod spiccat waqghet fuq il-vettura tal-assikurat li kienet qieghda tigi misjuqa minn Ralene Galea. Il-konvenuta minn naha taghha mhux qieghda tikkontesta li l-hsarat saru mill-umbrella taghha, ghalkemm qieghda tikontesta ukoll l-ammont mitlub, izda skont hi dawn il-hsarat saru minhabba buffura rih u ghalhekk m'ghandhiex tinzamm resposabbli ghax huwa *act of God*.

It-Tribunal jaghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 2003, fl-ismijiet Brian Valenzia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' **Avra Insurance Agency fl-ismijiet vs Joseph Camilleri ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Arcades Ltd**[2] fejn il-Qorti qalet:

*L-ewwel sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti hija bazata fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 1029 tal-Kap 16 fejn jinghad li "kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espresso tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew beni tieghu tigri l-hsara." Izda kif sewwa osservat l-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle" (7 ta' Frar, 1953 p. Imh. A. Magri) "Il-koncett tal-kaz fortuwitu jew <u>forza magguri</u> ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skond il-principju tad-Dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjona, u li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-"bonus pater familias." Isegwi li jekk jirrizulta xi nuqqas tal-bniedem din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.*

Fis-sentenza tal-Onor Mhallaef Anthony Ellul fl-ismijiet **Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Josephine Schembri Vs Victor Leone u Rose Marie konjugi Stafrace u Dahir Faiez**[3] **il-Qorti ikkonkludiet:**

*Ladarba l-fond kien taht il-kustodja tal-appellant u l-hsara saret minn oggett li waqa' minn dak il-fond, l-appellant ghandu l-obbligu li jwiegeb ghad-danni li saret fil-vettura ta' Schembri.*

Din il-Qorti kienet ghamelt referenza ghals-sentenza **Giovanni Vella et vs Michael Cilia tat-23 ta' Gunju, 2004** fejn intqal:

*Huwa desumibbli minn dan illi dimostrat li l-event sehh minn haga taht il-kontroll tal-konvenut, sta imbaghad ghall-konvenut li jipprova minn naha tieghu l-fortuwitu bhala kawza esklussiva, jew bhala konkawza, fil-process tal-produzzjoni ta' l-event dannuz".*

Ghaldaqstant, stante li ma ingibtix il-prova li kien hemm din il-buffura rih li allegatament kissrilha l-pjanti kollha, (prova li ma tresqitx) din mhijiex prova

[2] Appell Civili Numru. 1207/1985/1
[3] Appell Qorti Inferjuri numru: 223/2014 deciza 11 ta' Dicembru 2017

bizzejjed li setghet twassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li dak li gara kien minhabba forza magguri.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuta sabiex thallas is-somma ta' sebgha mija u disgha u tmenin euro  u centezmu (€789.01) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-4 ta' Ottubru 2021[4] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri jithalsu mill-konvenuta. It-talba ghas-spejjez tal-ittra ufficjali ma tistax tintlaqa' peress illi din ma gietxipprezentata.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[4] Data ta' meta giet ipprezenta l-kawza odjerna stante li ma gietx ipprezentata kopja tal-ittra ufficjali